Nru./No. 21,226
Prezz/Price
€0.72

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

L-Erbgħa, 17 ta' April, 2024
Wednesday, 17th April, 2024

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 4437 - 4445
Government Notices ..... *4437 - 4445*

Avviżi tal-Qorti ..... 4446 - 4448
Court Notices ..... *4446 - 4448*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 505

AKKWIST TA' ART

DIKJARAZZJONI MILL-AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

JIENA hawnhekk niddikjara illi l-art hawn taħt imsemmija hija meħtieġa mill-Gvern ta' Malta għal skop pubbliku skont l-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kapitolu 573) tal-Liġijiet ta' Malta u illi l-akkwist tagħha għandu jkun b'xiri assolut.

Is-17 ta' April, 2024

(File No. L/0361/2023)

Deskrizzjoni tal-Art

L-art li ġejja f'Ħ'Attard:

Biċċa art tal-kejl ta' madwar 3,310 metri kwadri, li tmiss mill-Grigal ma' proprjetà ta' Anna Maria Calleja u min-Nofsinhar u mil-Lbiċ ma' proprjetà tal-Gvern jew irjieħ verjuri.

L-art hawn fuq imsemmija qiegħda tiġi akkwistata b'konnessjoni ma' estensjoni tal-Pitkalija.

Il-biċċa art tidher murija delinjata bil-kulur aħmar fuq il-pjanta P.D. nru. 2023_0569, li wieħed jista' jara fuq talba fl-Awtorità tal-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

Il-kumpens offrut għall-biċċa art hawn fuq imsemmija huwa ta' tliet mija, erbgħa u għoxrin elf, tmien mija, sitta u erbgħin Ewro u ħamsin ċenteżmu (€324,876.50), skont l-istima konġunta li saret mill-Periti Joe Bugeja, Kevin Abela u Robert Grech, li estratt tagħha qed jiġi hawn anness ma' din id-dikjarazzjoni.

GOVERNMENT NOTICES

No. 505

ACQUISITION OF LAND

DECLARATION BY THE LANDS AUTHORITY

I HEREBY declare that the undermentioned land is required by the Government of Malta for a public purpose in accordance with the Government Lands Act (Chapter 573) of the Laws of Malta and that its acquisition thereof is to be by absolute purchase.

17th April, 2024

Description of the Land

The following land at Ħ'Attard:

A plot of land measuring about 3,310 square metres, bounded on the North East by property of Anna Maria Calleja and on the South and South West by Government property or more precise boundaries.

The abovementioned land is being acquired in connection with the extension of the Pitkalija.

The plot of land is shown delineated with the colour red on plan P.D. no. 2023_0569, which may be viewed on demand at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta.

The compensation offered for the above mentioned plot of land is three hundred and twenty four thousand, eight hundred and seventy six Euros and fifty cents (€324,876.50), according to the joint valuation made by Architects Joe Bugeja, Kevin Abela and Robert Grech, an extract of which is being attached with this declaration.

Ma' din id-dikjarazzjoni qed tiġi ppubblikata site plan li turi l-immobbli msemmija.

(Iff.) Dr John Vassallo
Chairperson tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet

L-10 ta' April, 2024

Din is-*site plan* qed tiġi ppubblikata f'paġna 4439.

Stima tal-Perit (Oriġinali bil-Malti)

Valutazzjoni ta' porzjon ta' art f'Ħ'Attard, meħtieġa għall-finijiet ta' esproprjazzjoni għal Skopijiet Pubbliċi.

Fuq inkarigu taċ-Chairman tal-Awtorità tal-Artijiet, skont l-Att dwar Artijiet tal-Gvern, Kapitolu 573 tal-Liġijiet ta' Malta, qegħdin niffissaw il-valur liberu u frank tal-proprjetà hawn taħt deskritta fil-limiti Tal-Karri, f'Ħ'Attard, li hija meħtieġa mill-Gvern għal skop pubbliku, u dan wara li kkunsidrajna l-lokalità, il-qies, l-għamla, l-istat u l-potenzjal, skont il-pjanijiet u l-konfini taż-żona tal-iżvilupp kif maħruġa uffiċjalment mill-Awtorità tal-Ippjanar, kif ukoll il-valur ta' proprjetajiet oħra viċini jew simili u ħwejjeġ oħra li jista' jkollhom effett fuq il-valur tal-istess proprjetà.

Biċċa art tal-kejl ta' madwar 3,310 metri kwadri, li tmiss mill-Grigal ma' proprjetà ta' Anna Maria Calleja u min-Nofsinhar u mil-Lbiċ ma' proprjetà tal-Gvern jew irjieħ verjuri, hija murija delinjata bil-kulur aħmar fuq il-pjanta P.D. nru. 2023_0569, u stmata għall-valur ta'tliet mija, erbgħa u għoxrin elf, tmien mija, sitta u erbgħin Ewro u ħamsin ċenteżmu (€324,876.50).

Nota: Dan huwa estratt tar-rapport oriġinali li ġie mogħti min-naħa tagħna fis-16 ta' Novembru, 2023. L-estratt tar-rapport qed isir biex jiġi anness u ppubblikat mad-dikjarazzjoni.

(Iff.) Perit Joe Bugeja
Perit Kevin R. Abela
Perit Robert Grech

It-8 ta' Jannar, 2024

A site plan showing the mentioned immovable property is being published with this declaration.

(Sgd) Dr John Vassallo
Chairperson of the Board of Governors of the Lands Authority

10th April, 2024

This site plan is being published on page 4439.

Architect's Valuation (Original in Maltese)

Valuation of a portion of land at Ħ'Attard, required for expropriation purposes for Public Purposes.

As instructed by the Chairman of the Land Authority, in terms of Government Lands Act, Chapter 573 of the Laws of Malta, we are determining the freehold and unencumbered value of the property mentioned below in the limits of Tal-Karri, at Ħ'Attard, which is required by the Government for a public purpose, and this after having considered the locality, size, shape, state and potential, in terms of the plans and boundaries of the development zone as officially published by the Planning Authority, the value of similar properties nearby and other matters which may effect the value of the same property.

A plot of land measuring about 3,310 square metres, bounded on the North East by property of Anna Maria Calleja and on the South and South West by Government property or more precise boundaries, is shown delineated with the colour red on plan P.D. no. 2023_0569, and valued for three hundred and twenty four thousand, eight hundred and seventy six Euros and fifty cents (€324,876.50).


Note: This is an extract of the original report given by us on the 16th November, 2023. The extract of the report is being made to be attached and published with the declaration.

(Sgd) Architect Joe Bugeja
Architect Kevin R. Abela
Architect Robert Grech

8th January, 2024

Dan hu dokument uffiċċjali għall-użu biss fl-Aġenzija għar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet

This is an official document for Land Registration Agency use only




Scale 1:1000

0 20 40 60 80 100m

NOT TO SCALE

INDICATION OF LOCATION FOR INFORMATION PURPOSES ONLY



Pjanta tas-Sit **1:2500** *Site Plan*

Aġenzija għar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet
116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta

Land Registration Agency
116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta

Nru tal-Mappa: *Map Number:* **326026 M**	Pożizzjoni Ċentrali: *Centre Coordinates:* **x = 48466 y = 72687**	Parti min S.S.: *Extracted from S.S.:* **4872**	Data: *Date:* **01/11/2023**

Perit: *Architect:*

Timbru tal-Perit: *Architect's Stamp:*

Perit Stefan Scotto
Estate Management Department
Lands Authority

Qies (metri kwadri): *Area (square metres):* CIRCA :- 3,310m²

Firma ta' l-Applikant: *Applicant's Signature:*

LR 285101 Dritt imħallas *Fee Paid*

Nru. 506

AKKWIST TA' ART

DIKJARAZZJONI MILL-AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

ILLI b'Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta tat-30 ta' Mejju, 1986, l-art hawn taħt imsemmija kienet dikjarata meħtieġa mill-Awtorità kompetenti għal skop pubbliku skont id-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) u illi l-akkwist tagħha kellu jkun b'xiri assolut.

Illum Jiena hawnhekk niddikjara illi l-art hawn taħt imsemmija għadha meħtieġa mill-Gvern ta' Malta għal skop pubbliku skont l-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kapitolu 573) tal-Liġijiet ta' Malta u illi l-Akkwist tagħha għandu jkun b'xiri assolut.

Is-17 ta' April, 2024
(File No. L/0478/1973/III - Plot 1B)

Deskrizzjoni tal-Art

L-art li ġejja f'Birżebbuġa, qabel f'Marsaxlokk:

Biċċa art - li tinkludi kamra rurali - tal-kejl ta' madwar 3,399 metru kwadru, li tmiss mill-Punent ma' proprjetà tal-Gvern, mill-Grigal ma' triq pubblika u mil-Lvant ma' proprjetà ta' Salvino Testaferrata Moroni Viani u oħrajn jew irjieħ verjuri.

Il-biċċa art tidher murija delinjata bil-kulur aħmar u mmarkata bħala plot '1B' fuq il-pjanta L.D. nru. 56/86/2, li wieħed jista' jara fuq talba fl-Awtorità tal-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

Illi d-Dikjarazzjoni odjerna qiegħda tiġi maħruġa għall-fini ta' Artikolu 44 tal-Kapitolu 573.

Il-kumpens offrut għall-biċċa art hawn fuq imsemmija a bażi tal-Artikolu 44 u 64 tal-Kapitolu 573 huwa ta' wieħed u disgħin elf, mija u żewġ Ewro u tnejn u tmenin ċenteżmu (€91,102.82), skont l-istima li saret mill-Perit Arkitett Patrick Spiteri Fiteni, li estratt tagħha qed jiġi hawn anness ma' din id-dikjarazzjoni.

No. 506

ACQUISITION OF LAND

DECLARATION BY THE LANDS AUTHORITY

WHEREAS by the Declaration of the President of Malta of the 30th May, 1986, the undermentioned land was declared to be required by the competent Authority for a public purpose in accordance with the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) and that its acquisition thereof was to be by absolute purchase.

I hereby declare that the undermentioned land is still required by the Government of Malta for a public purpose in accordance with the Government Lands Act (Chapter 573) of the Laws of Malta and that its acquisition thereof is to be by absolute purchase.

17th April, 2024

Description of the Land

The following land in Birżebbuġa, before in Marsaxlokk:

A plot of land - including a rural room - measuring about 3,399 square metres, bounded on the West by Government property, on the North East by a public road and on the East by property of Salvino Testaferrata Moroni Viani and others or more precise boundaries.

The plot of land is shown delineated with the colour red and marked as plot '1B' on plan L.D. no. 56/86/2, which may be viewed on demand at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta.

That this declaration is being issued for the purposes of Article 44 of Chapter 573.

The compensation offered for the above mentioned plot of land in terms of Article 44 and 64 of Chapter 573 is ninety one thousand, one hundred and two Euros and eighty two cents (€91,102.82), according to the valuation made by Architect Patrick Spiteri Fiteni, an extract of which is being attached with this declaration.

Ma' din id-dikjarazzjoni qed tiġi ppubblikata site plan li turi l-immobbli msemmija.

(Iff.) Dr John Vassallo
Chairperson tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet

Il-11 ta' December, 2023

Din is-*site plan* qed tiġi ppubblikata f'paġna 4442.

Stima tal-Perit (Oriġinali bil-Malti)

Valutazzjoni tal-plot '1B' fil-Qajjenza, f'Birżebbuġa-Marsaxlokk, Malta, meħtieġ għall-finijiet ta' esproprjazzjoni għal Skopijiet Pubbliċi.

Fuq inkarigu taċ-Chairman tal-Awtorità tal-Artijiet, skont l-Att dwar Artijiet tal-Gvern, Kapitlu 573 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħed niffissa l-valur liberu u frank fis-sena 1986, liema valur ġie aġġornat mas-snin skont l-indiċi ta' inflazzjoni ppubblikat fl-Iskeda tal-Ordinanza li tneħħi l-Kontroll tad-Djar u dan a rigward il-biċċa art hawn taħt deskritta fil-Qajjenza, f'Birżebbuġa-Marsaxlokk, Malta, li hija meħtieġa mill-Gvern għal skop pubbliku, u dan wara li kkunsidrajt il-lokalità, il-qies, l-għamla, l-istat u l-potenzjal, skont il-pjanijiet u l-konfini taż-żona tal-iżvilupp kif maħruġa uffiċjalment mill-Awtorità tal-Ippjanar, kif ukoll il-valur ta' proprjetajiet oħra viċini jew simili u ħwejjeġ oħra li jista' jkollhom effett fuq il-valur tal-istess proprjetà.

Biċċa art - li tinkludi kamra rurali - tal-kejl ta' madwar 3,399 metru kwadru, li tmiss mill-Punent ma' proprjetà tal-Gvern, mill-Grigal ma' triq pubblika u mil-Lvant ma' proprjetà ta' Salvino Testaferrata Moroni Viani u oħrajn jew irjieħ verjuri. Il-biċċa art tidher murija delinjata bil-kulur aħmar u mmarkata bħala plot '1B' fuq il-pjanta L.D. nru. 56/86/2 u stmata għall-valur ta' wieħed u disgħin elf, mija u żewġ Ewro u tnejn u tmenin ċenteżmu (€91,102.82).

Nota: Dan huwa estratt tar-rapport oriġinali li ġie mogħti min-naħa tiegħi fil-31 ta' Lulju, 2023. L-estratt tar-rapport qed isir biex jiġi anness u ppubblikat mad-dikjarazzjoni.

(Iff.) PeritIan Camilleri Cassar, BE&A (Hons)

L-4 ta' Ottubru, 2023

A site plan showing the mentioned immovable property is being published with this declaration.

(Sgd) Dr John Vassallo
Chairperson of the Board of Governors of the Lands Authority

11th December, 2023

This site plan is being published on page 4442.

Architect's Valuation (Original in Maltese)

Valuation of plot '1B' in Qajjenza, at Birżebbuġa-Marsaxlokk, Malta, required for expropriation purposes for Public Purposes.

As instructed by the Chairman of the Land Authority, in terms of Government Lands Act, Chapter 573 of the Laws of Malta, I am assessing the freehold and unencumbered value in the year 1986, which value was updated along the years according to the index of inflation published in the Schedule of the Housing (Decontrol) Ordinance and this regarding the plot of land described below at Birżebbuġa-Marsaxlokk, Malta, which is required by the Government for a public purpose, and this after having considered the locality, size, shape, state and potential, in terms of the plans and boundaries of the development zone as officially published by the Planning Authority, as well as the value of similar properties nearby and other matters which may effect the value of the same property.

A plot of land - including a rural room - measuring about 3,399 square metres, bounded on the West by Government property, on the North East by a public road and on the East by property of Salvino Testaferrata Moroni Viani and others or more precise boundaries. The plot of land is shown delineated with the colour red and marked as plot '1B' on plan L.D. no. 56/86/2 and valued for ninety one thousand, one hundred and two Euros and eighty two cents (€91,102.82).

Note: This is an extract of the original report given by me on the 31st July, 2023. The extract of the report is being made to be attached and published with the declaration.

(Sgd) Architect Ian Camilleri Cassar, BE&A (Hons)

4th October, 2023

This is an official document for Land Registration Agency use only
Dan hu dokument uffiċjali għall-użu biss fl-Aġenzija għar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet
BIRZEBBUGIA
TRIQ IL-TORRI
TRIQ L-GHANNEJJA
Pjanta tas-Sit 1:2500 Site Plan
Aġenzija għar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet
116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta
Land Registration Agency
116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta
Nru tal-Mappa: 314659 M
Map Number:
Pożizzjoni Ċentrali: x = 58349
Centre Coordinates: y = 65797
Parti min S.S.: 5865
Extracted from S.S.:
Data: 01/08/2023
Date:
Perit:
Architect:
Qies (metri kwadri):
Area (square metres): Area - 3,399 m² (circa)
Timbru tal-Perit:
Architect's Stamp:
Perit John Schembri
Estate Management Department
Firma ta' l-Applikant:
Applicant's Signature:
LR 284928
Dritt imħallas
Fee Paid
Scale 1:500
0 10 20 30 40 50m
NOT TO SCALE
INDICATION OF LOCATION FOR INFORMATION PURPOSES ONLY

Nru. 507

AKKWIST TA' ART

DIKJARAZZJONI MILL-AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

ILLI b'Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta tal-10 ta' Ġunju, 1988, l-art hawn taħt imsemmija kienet dikjarata meħtieġa mill-Awtorità kompetenti għal skop pubbliku skont id-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 136) u illi l-akkwist tagħha kellu jkun b'xiri assolut.

Illum Jiena hawnhekk niddikjara illi l-art hawn taħt imsemmija għadha meħtieġa mill-Gvern ta' Malta għal skop pubbliku skont l-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kapitolu 573) tal-Liġijiet ta' Malta u illi l-Akkwist tagħha għandu jkun b'xiri assolut.

Is-17 ta' April, 2024
(File No. L/703/87/I/4)

Deskrizzjoni tal-Art

L-art li ġejja f'Ħad-Dingli:

Biċċa art al-kejl ta' madwar 965 metru kwadru, li tmiss mill-Grigal ma' proprjetà ta' Dott. Carmel Apap Bologna, MD u oħrajn, mill-Majjistral ma' proprjetà tal-Gvern u mix-Xlokk ma' triq pubblika.

Il-biċċa art tidher murija bil-kulur aħmar u hija mmarkata bħala plot '4' fuq il-pjanta L.D. nru. 244/87, li wieħed jista' jara fuq talba fl-Awtorità tal-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

Illi d-dikjarazzjoni odjerna qiegħda tiġi maħruġa għall-fini ta' Artikolu 44 maħduma bil-mod kif indikat f'Artikolu 65 tal-Kapitolu 573.

Il-kumpens offrut għall-biċċa art hawn fuq imsemmija huwa ta' ħames mija u tnejn u ħamsin elf, ħames mija u tnejn u disgħin Ewro (€552,592), liema kumpens ġie maħdum a bażi ta' stima li kienet annessa ma' avviż ta' ftehim tat-28 ta' Marzu, 2001. L-istima indikata fl-avviż ta' ftehim kienet ta' mija u tliet elef, seba' mija u sittin Lira Maltija (LM 103,760) ekwivalenti għal mitejn u wieħed u erbghin elf, sitt mija u ħamsa u disgħin Ewro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€241,695.75). Dan l-ammont ta' mija u tliet elef, seba' mija

No. 507

ACQUISITION OF LAND

DECLARATION BY THE LANDS AUTHORITY

WHEREAS by the Declaration of the President of Malta of the 10th June, 1988, the undermentioned land was declared to be required by the competent Authority for a public purpose in accordance with the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 136) and that its acquisition thereof was to be by absolute purchase.

I hereby declare that the undermentioned land is still required by the Government of Malta for a public purpose in accordance with the Government Lands Act (Chapter 573) of the Laws of Malta and that its acquisition thereof is to be by absolute purchase.

17th April, 2024

Description of the Land

The following land at Ħad-Dingli:

A plot of land measuring about 965 square metres, bounded on the North East by property of Dr Carmel Apap Bologna, MD and others, on the North West by Government property and on the South East by a public road.

The plot of land is shown with the colour red and is marked as plot '4' on plan L.D. no. 244/87, which may be viewed on demand at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta.

That this declaration is being issued for the purposes of Article 44 and in a way as indicated in Article 65 of Chapter 573.

The compensation offered for the above mentioned plot of land is five hundred and fifty two thousand, five hundred and ninety two Euros (€552,592), which compensation was calculated on the basis of a valuation which was attached to the notice of agreement of the 28th March, 2001. The valuation indicated in the notice of agreement was of one hundred and three thousand, seven hundred and sixty Maltese Liri (LM 103,760) equivalent to two hundred and forty one thousand, six hundred and ninety five Euros and seventy five cents (€241,695.75). This

u sittin Lira Maltija (LM 103,760) ekwivalenti għal mitejn u wieħed u erbgħin elf, sitt mija u ħamsa u disgħin Ewro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€241,695.75) ġie awmentat matul is-snin bl-Indiċi ta' Inflazzjoni skont il-provvedimenti ta' Artikolu 65 tal-Kapitolu 573, liema stima ġiet tammonta għal ħames mija u tnejn u ħamsin elf, u ħames mija u tnejn u disgħin Ewro (€552,592).

Ma' din id-dikjarazzjoni qed tiġi ppubblikata stima tal-valutazzjoni mill-Perit Joe Mizzi tas-16 ta' Diċembru, 1999 u site plan li turi l-immobbli msemmija.

(Iff.) Dr John Vassallo
Chairperson tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet

Il-11 ta' April, 2024

Din is-*site plan* qed tiġi ppubblikata f'paġna 4445.

Stima tal-Perit (Oriġinali bil-Malti)

Art f'Ħad-Dingli

Fuq struzzjonijiet tal-Kummissarju tal-Artijiet, skont l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet (għal Skopijiet Pubbliċi), qiegħed niffissa l-valur liberu u frank tal-proprjetà hawn taħt deskritta f'Ħad Dingli, li hi meħtieġa mill-Gvern għal skop pubbliku, u dan wara li ħadt in konsiderazzjoni l-lokalità, kif ukoll ħwejjeġ oħra li jista' jkollhom x'jaqsmu mall-valur tal-istess proprjetà.

Plot 4. Biċċa art al-kejl ta' madwar 965 metru kwadru, li tmiss mill-Grigal ma' proprjetà ta' Dott. Carmel Apap Bologna, MD et, mill-Majjistral ma' proprjetà tal-Gvern u mix-Xlokk ma' triq pubblika liema art huja meqjusa bħala art fabbrikabbli fit-termini tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet u hija murija bl-aħmar fuq il-pjanta L.D. 244/87, hija stmata għall-valur ta' mija u tliet elef, seba' mija u sittin Lira Maltija (Lm 103,760).

N.B: Dan ir-rapport qed jibdel ir-rapport datat 11 ta' Marzu, 1988, f'dak li għandu x'jaqsam mal-proprjetà hawn fuq imsemmija.

(Iff.) Perit Joe Mizzi, A&CE

Is-16 ta' Diċembru, 1999

amount of one hundred and three thousand, seven hundred and sixty Maltese Liri (LM 103,760) equivalent to two hundred and forty one thousand, six hundred and ninety five Euros and seventy five cents (€241,695.75) was increased along the years with the Index of Inflation according to the provisions of Article 65 of Chapter 573, which valuation amounts to five hundred and fifty two thousand, five hundred and ninety two Euros (€552,592).

A valuation by Architect Joe Mizzi of the 16th December, 1999 and a site plan showing the mentioned immovable property is being published with this declaration.

(Sgd) Dr John Vassallo
Chairperson of the Board of Governors of the Lands Authority

11th April, 2024

This site plan is being published on page 4445.

Architect's Valuation (Original in Maltese)

Land at Ħad-Dingli

As instructed by the Commissioner of Lands, in terms of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance, I am assessing the freehold and unencumbered value of the property described at Ħad Dingli, which is required by the Government for a public purpose, and this after having considered the locality, as well as other matters which may effect the value of the same property.

Plot 4. A plot of land measuring about 965 square metres, bounded on the North East by property of Dr Carmel Apap Bologna, MD et, on the North West by Government property and on the South East by a public road which land is regardes as fabricable land in terms of the Land Acquisition Ordinance and is shown in colour red on plan L.D. 244/87, is valued for one hundred and three thousand, seven hundred and sixty Maltese Liri (Lm 103,760) .


N.B: This report is substituting the report dated 11th March, 1988, in that which is related with the above mentioned property.

(Sgd) Architect Joe Mizzi, A&CE

16th December, 1999

Dan hu dokument uffiċċjali għall-użu biss fl-Aġenzija għar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet

This is an official document for Land Registration Agency use only




Scale 1:500

0 10 20 30 40 50m

NOT TO SCALE

INDICATION OF LOCATION FOR INFORMATION PURPOSES ONLY



Pjanta tas-Sit 1:2500 *Site Plan*

Aġenzija għar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet
116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta

Land Registration Agency
116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta

Nru tal-Mappa: *Map Number:* **345497 M**	Pożizzjoni Ċentrali: *Centre Coordinates:* **x = 44033** **y = 68598**	Parti min S.S.: *Extracted from S.S.:* **4468**	Data: *Date:* **12/04/2024**

Perit: *Architect:*

Timbru tal-Perit: *Architect's Stamp:*

Perit Stefan Scotto
Estate Management Department
Lands Authority

Qies (metri kwadri): *Area (square metres):* 965.1 circa

Firma ta' l-Applikant: *Applicant's Signature:*

LR 285480 Dritt imħallas *Fee Paid*

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

873

B'digriet mogħti, mill-Qorti tal-Appell, Sede Superjuri, fit-2 ta' April, 2024, fl-atti tar-Rikorsi numru 867/2016 u 267/2016 fl-ismijiet Josephine sive Joyce Dimech (KI 379262M) vs Pasqualino sive Lino Chircop (KI 352865M), ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Pasqualino sive Lino Chircop a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap 12.

Permezz tar-Rikorsi tal-Appell numru 867/2016 u 267/2016 ippreżentati fit-30 ta' Novembru, 2023, l-appellanti Josephine sive Joyce Dimech ħassitha aggravata bis-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili datata 31 ta' Ottubru, 2023, fl-ismijiet premessi. L-aggravji tal-appellanta huma ċari u manifesti inkwantu l-Qorti tal-prim'istanza għamlet applikazzjoni ħażina tal-liġi meta ddikjarat li l-appellanta kienet tilfet l-interess ġuridiku li tipprosegwi bil-kawża istitwita billi l-qorti tat interpretazzjoni mijopika tal-liġi li tirregola l-interess ġuridiku.

Għaldaqstant, l-esponenti appellanta, qiegħda titlob lil din l-Onorabbli Qorti tal-Appell biex tilqa' l-aggravju tal-appellanta u konsegwentament tirrevoka s-sentenza appellata fl-intier tagħha u konsegwentement tirrimetti l-atti lura lill-Ewwel Onorabbli Qorti sabiex titratta t-talbiet tal-attriċi appellanti u dan sabiex ebda wieħed mill-partijiet ma' jiġi mċaħħad mid-dritt tad-doppio esame u dan taħt dawk il-pattijiet u kundizzjonijiet kollha li din l-Onorabbli Qorti tqis xierqa u opportuni. Bl-ispejjez taż-żewġ istanzi kontra l-appellat.

Notifika: 67, St Anthony Flats, Flat 3, Triq il-Parroċċa, In-Naxxar

Reġistru tal-Qrati tal-Appell (Superjuri), illum 11 ta' April, 2024

DOTT. F. BONDIN, LLD, M. JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree delivered, by the Court of Appeal, Superior jurisdiction, on the 2nd April, 2024, in the records of the Applications number 867/2016 and 267/2016 in the names Josephine sive Joyce Dimech (ID 379262M) vs Pasqualino sive Lino Chircop (ID 352865M), the following publication was ordered for the purpose of service of Pasqualino sive Lino Chircop in terms of section 187 (3) et sequitur of Cap 12.

By means of Appeal Application number 867/2016 and 267/2016 filed on the 30th November, 2023, the appellant Josephine sive Joyce Dimech felt aggrieved by the judgment of the First Hall Civil Court dated 31st October, 2023, in the names premised. The appellant's grounds of appeal are clear and manifest in so far as the court of first instance misapplied the law when it declared that the appellant had lost the juridical interest to proceed with the instituted cause in that it enunciated a myopic interpretation of the law governing juridical interest.

Therefore, the applicant appellant requests this Honourable Court of Appeal to uphold the appellant's grounds of appeal and consequently revoke the judgment appealed in its entirety and thus remit the records back to the Honourable First Court to deal with the appellant plaintiff's demands so that none of the parties is deprived of the right of review and this under all those terms and conditions that this Honourable Court deems fit and opportune. With costs of both instances against the respondent.

Notification: 67, St Anthony Flats, Flat 3, Triq il-Parroċċa, Naxxar

Registry of the Superior Courts (Appeals) this day 11th April, 2024

DR. FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

874

B'digriet mogħti, mill-Qorti tal-Appell, Sede Superjuri, fit-2 ta' April, 2024, fl-atti tar-Rikors numru 618/2021 fl-ismijiet Anthony Falzon, Giovanna Falzon, Joseph Falzon, Josephine Falzon, Maria Lourdes Farrugia, Saviour Falzon, Nicholas Falzon, Maria sive Mary Falzon Vincent Vella, Irene Galea, Lorina Sciberras f'isimha u f'isem l-imsiefra Stephania Balzan, Patricia Portelli, Lorna Sultana, u Mario Bonello vs Ġiljan Falzon, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Maria Lourdes Farrugia a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

By means of a decree delivered, by the Court of Appeal, Superior jurisdiction, on the 2nd April, 2024, in the records of the Application number 618/2021 in the names Anthony Falzon, Giovanna Falzon, Joseph Falzon, Josephine Falzon, Maria Lourdes Farrugia, Saviour Falzon, Nicholas Falzon, Maria sive Mary Falzon Vincent Vella, Irene Galea, Lorina Sciberras in her own name and in the name of Stephania Balzan who is abroad, Patricia Portelli, Lorna Sultana, and Mario Bonello vs Ġiljan Falzon, the following publication was ordered for the purpose of service of Maria Lourdes Farrugia in terms of section 187 (3) et sequitur of Cap. 12.

Permezz tar-Rikors tal-Appell numru 618/2021 ippreżentat fl-24 ta' Marzu, 2024, fl-ismijiet premessi, l-appellant Ġiljan Falzon (KI 0787057M) ħassu aggravat bis-sentenza datata l-24 ta' Frar, 2023, tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u jissottometti tliet aggravji kontra din is-sentenza, billi l-ewwel Onorabbli Qorti għamlet apprezzament manifestament żbaljat kemm tal-ligi kif ukoll tal-fatti meta ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tal-appellant li titratta l-irritwalità tal-proċedura odjerna u għamlet l-istess fir-rigward tat-tielet eċċezzjoni tal-appellant li titratta l-prova tat-titolu, kif ukoll meta din ċaħħet ir-raba' eċċezzjoni tal-appellant li tittratta dwar il-kwistjoni ta' preġudizzju gravi li se ssoffri l-esponenti b'dan il-bejgħ.

Għaldaqstant, l-appellant jitlob lil din l-Onorabbli Qorti tal-Appell (Superjuri) jogħġobha tħassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata fl-intier tagħha, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellati.

Notifika: Maria Lourdes Farrugia, 232, Triq Mons Mikiel Azzopardi, Is-Siġġiewi

Reġistru tal-Qrati tal-Appell (Superjuri), illum 11 ta' April, 2024

DOTT. F. BONDIN, LLD, M. JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of Appeal Application number 618/2021 filed on the 24th March, 2024, in the names premised, the appellant Ġiljan Falzon (KI 0787057M) felt aggrieved by the judgment dated 24th February, 2023, delivered by the First Hall Civil Court and submits three grounds of appeal against this judgment, in that the Honourable First Court made a manifestly wrong evaluation of both the law and the facts when it rejected the appellant's first plea which deals with the irrituality of the present procedure and it did the same as regards the appellant's third plea which deals with the proof of title, as well as when it rejected the appellant's fourth plea which deals with the issue of grievous prejudice which the exponent is going to offer because of this sale.

Therefore, the appellant requests that this Honourable Court of Appeal (Superior jurisdiction) cancels, revokes and annuls the judgment appealed in its entirety, with costs of both instances against the respondents.

Notify: Maria Lourdes Farrugia, 232, Triq Mons Mikiel Azzopardi, Siġġiewi

Registry of the Superior Courts (Appeals), this day 11th April, 2024

DR FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

875

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-12 ta' April, 2024, fuq rikors ta' HSBC Bank Malta plc (C3177) ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 29 ta' Ottubru, 2024, fl-għaxra u nofs ta' filgħodu (10.30 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'Kamra Numru 78, Biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

L-appartament mingħajr l-arja tiegħu, internament formanti parti mit-torri magħruf bħala Tower A1 konsistenti f'għoxrin (20) appartament, liema torri jifforma parti mill-iżvilupp magħruf bħala 'The Three Towers' u liema appartament huwa sitwat fil-livell numru tlieta (3) (Level 3) u mmarkat internament bin-numru tlett mija u sitta (306), fi Triq l-Ibjar, Paola, kif ukoll l-użu tal-partijiet komuni tat-Torri A1 u dana kif aħjar deskritt fil-kuntratt fl-atti tan-Nutar Malcolm Mangion ippubblikat fit-28 ta' Frar, 2007, sottopost u sovrapost proprjetà ta' terzi, liberu u frank u stmat li jiswa mitejn u ħamest elef ewro (€205,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Yassine Khaled (KI 135504L) u Elsadi Duaa (KI 38961A).

By decree given by the Civil Court, First Hall on the 12th April, 2024, on the application of HSBC Bank Malta p.l.c. (C3177), Tuesday, 29th October, 2024, at half past ten in the morning (10.30 a.m.), has been fixed for the sale by auction, to be held in Room Number 78, Nearby the Courts Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta of the following property:

The apartment without its own airspace, internally forming part of the tower known as Tower A1, consisting of twenty (20) apartments, which tower forms part of the development known as 'The Three Towers' and which apartment is situated on level three (3) and internally marked number three hundred and six (306), in Triq l-Ibjar, Paola, as well as the right of use of common areas of the Tower A1 as better described in the acts of notary Malcolm Mangion published on the 28th February, 2007, underlying and overlying third party property, free and unencumbered, and valued at two hundred and five thousand euro (€205,000).

The said tenement is the property of Yassine Khaled (ID 135504L) and Elsadi Duaa (ID 38961A).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 7/2021.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tlieta, 16 ta' April, 2024

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 7/2021.

Registry of the Superior Courts, this Tuesday, 16th April, 2024

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

876

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-12 ta' April, 2024, fuq rikors ta' HSBC Bank Malta plc (C3177) ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 24 ta' Ottubru, 2024, fil-ħdax u nofs ta' filgħodu (11.30 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'Kamra Numru 78, Biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

Maisonette fil-pjan terran u aċċessibbli minn entrata privata, bl-isem Hurghada, bin-numru sebgħa (7), fi Triq San Luqa, San Pawl il-Baħar, fi blokka ta' appartamenti esternament innumerata mija u ħdax (111) bl-isem Resort Flats, Triq San Luqa, San Pawl il-Baħar, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu u jinkludi tlieta minn erbgħa (3/4) sehem indiviż minn wieħed minn tlieta (1/3) indiviż tal-entrata u tal-entratura, il-bieb prinċipali, it-taraġ u l-kaxxa tat-taraġ u l-bejt tal-imsemmija blokka u kif ukoll suġġett għal servitù passiv u attiv mill-pożizzjoni tiegħu kif deskritt aħjar fl-atti tan-Nutar Dott. Mario Rosario Bonello datat sitta ta' Settembru, elfejn u ħdax (6.9.2011). Il-blokka li minnha jagħmel parti l-fond inkwestjoni, hija konfinanti mill-Grigal mal-imsemmija Triq San Luqa u mill-irjieħ l-oħra kollha ma' proprjetà ta' terzi u stmat li jiswa tliet mija u għoxrin elf ewro (€320,000)

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Shehata Khaled (KI 330298M) fi tliet kwarti (3/4) sehem indiviż tal-appartament, inkluż kwart (1/4) indiviż tal-komun u ċjoè tliet kwarti (3/4) ta' terz (1/3) indiviż u Shehata Anna (KI 745261M) fi kwart (1/4) sehem indiviż mill-appartament u wieħed minn tlieta (1/3) sehem indiviż minn kwart (1/4) sehem indiviż tal-komun tal-appartament

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 39/2019.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tlieta, 16 ta' April, 2024

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the Civil Court, First Hall, on the 12th April, 2024, on the application of HSBC Bank Malta p.l.c (C3177), Thursday, 24th October, 2024, at half past eleven in the morning (11,30 a.m.), has been fixed for the sale by auction, to be held in Room Number 78, Nearby the Courts Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property:

Maisonette on ground floor level and accessible from private entrance, named Hurghada, numbered seven (7), in Triq San Luqa, St Paul's Bay, in a block of apartments externally numbered one hundred and eleven (111) named Resort Flats, Triq San Luqa, St Paul's Bay, with all its rights and appurtenances and including a three fourths (3/4) undivided share of one third (1/3) undivided of the entrance, hall, main door, staircase, and stairwell, and the roof of the said block, and is subject to the active and passive servitudes resulting from its position, as described in the acts of Notary Doctor Mario Rosario Bonello dated sixth September, two thousand and eleven (6.9.2011). The said block the maisonette forms part of is bounded by northeast with Triq San Luqa and from all other boundaries with property of third parties and valued at three hundred and twenty thousand euro (€320,000).

The said tenement is the property of Shehata Khaled (ID 330298M) in three fourths (3/4) undivided share of the apartment, including one fourth (1/4) undivided share of the common area and therefore three-fourth (3/4) of one third (1/3) undivided and Shehata Anna (ID 745261M) in one fourth (1/4) undivided share of the apartment and one third (1/3) undivided share of one fourth (1/4) undivided share of the common area of the apartment.

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 39/2019.

Registry of the Superior Courts, this Tuesday, 16th April, 2024

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*